Fiż-żerniq,
Jew fil-għaxija
Inħossni rrid indub ġo ruħek ħelwa
Ġo qalbek, ħienja, kbira —
Biex nogħla ma' l-għasafar…
U ntir ħafif man-naħla
U nimla qalbi b'nifs il-ward ifewwaħ,
Tal-għolja, ta' ġol-wied jew ta' ġol-ġonna.

Hekk, Marzu tiegħi, sirt inħobbok jiena……
Ħallini fik nistrieħ fil-ħolm ta' qalbi
Nistrieħ… nistrieħ…
Għax qalbi nħossha għajjiena!

---

## IL-MEWT TAL-POETA

*Ta'* P. MATTEW, KAPPUĊĊIN

Ma xegħelx il-qamar — dak in-nhar — fl-għaxija,
Sa lanqas kewkba b'qalbha sewda nħbiet,
Tħares fejn tħares, dwalijiet mitfija,
Donnha bl-aħbar ġà semgħet is-smewwiet.

Ma feġġet fl-art u l-baħar ebda dija,
Id-dinja kollha b'din l-aħbar għaliet,
Bid-dlam, star iswed libset mustaxija
Għax f'ewl il-lejl żagħżugħ poeta miet.

L-għada filgħodu żernaq jum ta' dwejjaq,
Minn wara s-sħab ix-xemx bdiet tgħid: "Xi tlifna!
Tlifna żagħżugħ għannej, ħabib tal-ħlejjaq".

Sogħbiena l-ħlejjaq jibku ħdejh inġabru
Mill-kbar saż-żgħar imxew warajh għad-difna
U bdew jixħtulu r-rand u l-klin fuq qabru.



## ETIMOLOĠIJA TA' ISMIJIET

*Ta'* A. C.

L-etimoloġija ta' l-ismijiet għal xi filoloġi hija waħda mill-mogħdijiet taż-żmien li fiha dari kienu jħobbu kultant iħabblu rashom; iżda l-lum jidher li sar studju serju ta' bosta minnhom, fosthom ta' min isemmi l-Professur Carlo Tagliavini ta' l-Università ta' Padova, li f'dawn l-aħħar sentejn smajnieh ifisser l-etimoloġija tal-biċċa l-kbira ta' l-ismijiet minn fuq ir-Radjo Taljana. Il-Professur Tagliavini huwa wkoll awtur ta' xi kontribuzzjonijiet filoloġiċi li ta' sikwit naqraw fl-"Oggi".

Għal min kien jixtieq ikun jaf fuq fuq it-tifsira ta' ismu mill-konversazzjoni ċkejkna tal-Professur Tagliavini li kien jagħmel kull filgħodu minn fuq ir-Radjo, il-kurżità kien jaqtagħha minnufih; iżda għal dawk, imbagħad, li jkunu jridu jidħlu fil-kamp imwiegħer ta' dan l-istudju għandhom fejn jimirħu mhux ftit jekk iqallbu l-kotba li jittrattaw bir-reqqa fuq din il-materja hekk imsejħa *onomastika* li tagħmel mill-qasam tal-glottoloġija indo-ewropea u semitika.

Hija ħaġa magħrufa illi meta wieħed jagħti lil tarbija xi isem, qatt ma jiġih f'rasu dak l-isem x'tifsira għandu, jew, meta nħoloq, x'kien ifisser. Għalina l-isem, ngħidu aħna, ta' Bernard, Ġorġ, Rakela, huma ismijiet li m'għandhom l-ebda tifsira ħlief dik ta' nies li kienu magħrufin għall-qdusija, kuraġġ, nobbiltà u ħajja rżina tagħhom; xejn ma qgħadna nħabblu rasna biex niflu u nsibu t-tifsira ewlenija tagħhom. Iktarx li jibqa' b'ħalqu miftuħ jekk wieħed ikun jaf li l-isem ta' *Bernard*, imxerred ma' l-Ewropa, ma jfisserx ħaġ'oħra ħlief "Ors qawwi". Hekk ukoll jistagħġeb meta jsib illi l-isem ta' *Rodolf* u *Dolfu* (Adolfu) ma jfisserx ħlief, wieħed "Lupu famuż" u l-ieħor "Lupu nobbli". Naħseb li ma ssibx omm li titħajjar issemmi lit-tarbija tagħha bl-isem ta' *Lija* kieku tkun taf li dan l-isem ġej mill-kelma "baqra" (li tinżamm għall-produzzjoni tal-ħalib u butir) u lanqas ma titħajjar issemmiha bl-isem ta' *Rakela* jekk tkun taf li *Rakela* tfisser "Nagħġa". Mill-banda l-oħra, ismijiet bħal *Ġorġ*, *Klawdju* m'huma xejn ismijiet li jfissru xi ħaġa nobbli jew sabiħa, għalkemm il-wieħed jagħtik xi ħjiel ta' *raġel sabiħ*, *ta' gwerrier fuq żiemel imlebbet*, fil-waqt li dan ma jfisserx ħaġ'oħra